



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Jannar 2023
(OR. en)

15995/22

LIMITE

CORLX 1168
CFSP/PESC 1712
CONOP 136
CONUN 332
COARM 279

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/97 b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/97 b'appoġġ għall-Konvenzjoni
dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE
kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:


- (1) Fil-21 ta' Jannar 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/97¹, li tipprevedi perjodu ta' implimentazzjoni ta' proġetti ta' 36 xahar li jibda fid-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3) ta' dik id-Deċiżjoni.
- (2) Il-perjodu ta' implimentazzjoni kellu jintemm fl-4 ta' Frar 2022.
- (3) Fit-8 ta' Lulju 2021, l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA), li huwa responsabbli għall-implimentazzjoni teknika tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/97, talab estensjoni mingħajr spejjeż ta' 12-il xahar tal-perjodu ta' implimentazzjoni. Fid-19 ta' Novembru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/2033², li testendi l-perjodu ta' implimentazzjoni sal-4 ta' Frar 2023.
- (4) Fid-29 ta' Ottubru 2022, l-UNODA talab permezz ta' ittra estensjoni mingħajr spejjeż ta' 12-il xahar oħra tal-perjodu ta' implimentazzjoni, minħabba sfidi fl-implimentazzjoni marbuta mal-pandemija tal-COVID-19.
- (5) L-estensjoni tal-perjodu ta' implimentazzjoni tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/97 sal-4 ta' Frar 2024 ma għandha ebda implikazzjoni fir-rigward ta' riżorsi finanzjarji.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/97 tal-21 ta' Jannar 2019 b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 19, 22.1.2019, p. 11).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2033 tad-19 ta' Novembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/97 b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 415, 22.11.2021, p. 29).

(6) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/97 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:



Artikolu 1

L-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/97 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fl-4 ta' Frar 2024."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
